**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 7 ta' Ottubru, 2021**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 997/2018**

**APS Bank plc**
**vs**

**Ambassador Clothing Limited bhala d-debitrici principali; u**
**Alessia Caruana u Mirco Caruana bhala eredi tad-defunt Tonio Caruana;**
**Desireè Darmanin; Ivan Caruana; Marion Caruana;**
**George Caruana bhala garanti in solidum**
**ta' Ambassador Clothing Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-12 ta' Ottubru, 2018 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta intimata Ambassador Clothing Limited hija d-debitrici principali tas-socjeta rikorrenti u dan skont kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Christine Abela ddatat 23 ta' April, 2004 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A) u l-intimati Alessia Caruana (ID 460793(M)) u Mirco Caruana (503695(M)) bhala eredi tad-defunt Tonio Caruana (ID Numru 726956(M)) (kopja tar-ricerki testamentarji hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B), Desiree Caruana (ID Numru 24468(M)), Ivan Caruana (ID Numru 244563(M)), Marion Caruana (ID Numru 472362(M)) u George Caruana (ID Numru 554458(M)), huma garanti in solidum tad-debitrici principali Ambassador Clothing Limited, skont garanzija datata 21 ta' April, 2004 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C) fis-somma komplessiva ta' tmintax-il elf disa' mija wiehed u disghin ewro u tmien centezmi (€18,991.08), dovuta lis-socjeta mittenti u rapprezentanti:
i) in kwantu ghal hmistax il-elf, tlett mija u erbgha u disghin ewro u sitta u tletin centezmi (€15,394.36), flimkien mal-interessi akkumulati ta' 8% mill-1 ta' Jannar, 2018, liema bilanc hu dovut fuq il-Loan Account Number 2000099415-8 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument D); u

ii) in kwantu ghal tlett elef, hames mija u sitta u disghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,596.72) eskluzi l-interessi, liema bilanc hu dovut fuq Loan Interest Disposal Account 2000132501-1 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument E);
iii) oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2018, fuq Loan Account Number 2000099415-8;

2. Illi l-imsemmi ammont komplessiv ta' €18,991.08 huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta rikorrenti u, fil-fehma tal-istess socjeta rikorrenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma tal-istess socjeta rikorrenti, l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghal-hlas tal-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta rikorrenti, inkluz b'ittra gudizzjarja datata 6 ta' Marzu, 2017, (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument F) huma baqghu inadempjenti;

4. Illi r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti ghandu konjizzjoni ta' dawn il-fatti;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti, in vista tal-premess u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, titlob, bir-rispett, lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i) Tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) Tiddikjara lill-konvenuti bhala debituri tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' tmintax-il elf, disa' mija u wiehed u disghin ewro u tmien centezmu (€18,991.08), liema ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut, u dan minghajr pregudizzju ghall-imghax dovut;

iii) Konsegwentement tiddeciedi, tordna u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta rikorrenti l-ammont hekk likwidat ta' tmintax-il elf, disa' mija, wiehed u disghin ewro u tmien centezmu (€18,991.08) dovut lis-socjeta rikorrenti a tenur ta' Loan Account Number 2000099415-8 u Loan Interest Disposal Account 20001325011.

Bl-ispejjez, inkluz dawl tal-ittra gudizzjarja ddatata 6 ta’ Marzu 2017, u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Jannar 2018, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, li huma mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Ambassador Clothing Limited, Ivan Caruana u George Caruana li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, hemm diskrepanza qawwija bejn l-ammonti dovuti skont it-talbiet attrici u l-ammonti dovuti skont il-kalkoli tal-konvenuti, u ghalhekk sabiex wiehed jivverifika l-konteggji huwa necessarju li ssir il-prova tal-ammonti avvanzati u tal-

hlasijiet lura, tac-charges bankarji, tar-rati differenti ta' imghax applikabbli fid-diversi perjodi u tar-regolarita tal-kapitalizzazzjoni tal-imghaxijiet;

2. Illi inoltre, mid-diskrepanza li hemm bejn l-ammonti reklamati fl-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu 2017 (Dok. F) u l-ammont reklamat fil-kawza, kif ukoll mill-fatt illi l-imghaxijiet legali qed jintalbu biss b'effett mill-1 ta' Jannar 2018, jirrizulta li saret kapitalizzazzjoni tal-imghaxijiet minghajr il-kunsens tad-debitrici principali jew tal-garanti, b'mod li qed jintalbu imghaxijiet fuq imghaxijiet;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-kapitalizzazzjoni tal-imghax minghajr il-kunsens tad-debitur fuq imghaxijiet li jkunu ilhom jakkumulaw iktar minn sena tista' tintalab minghand il-Qorti stess, imma tali talba ma tistax issir retroattivament, u jekk tintlaqa' ssehh biss b'effett mid-data tas-sentenza; ghalhekk mhuwiex lecitu li ssir, kif saret, domanda ghal imghaxijiet mid-data tal-1 ta' Jannar 2018 fuq l-imghaxijiet dekorsi qabel l-1 ta' Jannar 2018;

4. Illi finalment irid jigi ivverifikat jekk il-bank charges li gew imposti matul ir-relazzjoni klijentari bejn il-bank u d-debitur principali kienux gustifikati, u jekk gewx applikati rati ta' imghaxijiet punittivi, f'liema kaz ikun hemm ukoll lok ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Alessia Caruana, Mirco Caruana u Desiree Darmanin li tghid hekk:

Difiza

1. It-talbiet fir-rigward tal-intimati esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi provat tul dawn il-proceduri.

2. Partikolarment fir-rigward tal-intimata esponenti Desiree Darmanin (li hija mharrka f'dawn il-proceduri biss bhala garanti in solidum ta' Ambassador Clothing Limited), l-invalidita tas-suppost garanzija ghad-dejn in kwistjoni, annessa mar-rikors promotur bhala Dok. C, billi, fid-data tas-suppost garanzija, l-obbligazzjoni principali lanqas ma kienet ghada giet fis-sehh. Fil-fatt, filwaqt illi s-suppost garanzija iggib id-data ta' 21 ta' April 2004, l-obbligazzjoni principali fil-kuntratt ta' self, iggib id-data tat-23 ta' April 2004. Dan imur kontra dak li huwa espressament rikjest fl-artikolu 1926(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jinghad illi ma jistax ikun hemm garanzija hlief ghal obbligazzjoni li tkun tiswa.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati esponenti qieghdin jikkontestaw l-ammonti reklamati billi mhuwiex car kif is-socjeta rikorrenti waslet ghall-ammont allegatament dovut mill-intimati. Fil-fatt, filwaqt illi f'paragrafu 1(i) jinghad illi s-somma ta' €15,394.36 tinkludi l-imghax (dan jirrizulta wkoll mis-suppost statement of accounts anness mar-rikors promotur bhala Dok. D), paragrafu numru1l(iii) terga' issir referenza ghall-istess imghax allegatament dovut fuq l-istess self. Inoltre, filwaqt illi fl-ittra ufficjali ta' nhar is-6 ta' Marzu 2017 annessa mar-rikors promotur bhala Dok. F, l-ammont pretiz li skont kif jinghad fl-istess rikors promotur, jeskludi l-interessi, kien dak ta' €2,351.84, l-ammont illum pretiz u li wkoll jeskludi l-interessi, huwa ta'

€3,596.72. Jispetta lis-socjeta rikorrenti iggib prova tal-ammont shih li qed tirreklama bhala dovut.

BI-ispejjez u salv risposti ulterjuri.

Fatti
1. Fir-rigward tal-paragrafi numru 1 fir-rikors promotur, jinghad illi mhuwiex car kif is-socjeta rikorrenti waslet ghall-ammonti allegatament dovuti ta' €15,394.36 u ta' €3,596.72. Lanqas mhuwa car jekk tali ammonti jinkludux interesti komputati u kif gew komputati tali interessi.

2. Fir-rigward tal-paragrafu numru 2 jinghad illi dan ftit ghad ghandu rilevanza gialadarba din l-Onor Qorti cahdet it-talba tas-socjeta rikorrenti sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fir-rigward tal-paragrafu numru 3 jinghad illi l-intimati esponenti Alessia Caruana u Mirco Caruana ma gewx interpellati jhallsu l-ammonti imsemmija fir-rikors promotur permezz tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Marzu 2017.

Ghaldaqstant, l-intimati esponenti umilment jissottomettu illi t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u din l-Onor Qorti ghandha tichad l-istess talbiet, bl-ispejjez kontra taghha.

Rat li Marion Caruana hi notifikata u ma irrispondietx ghal-kawza;

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Marvic Gauci, Recoveries Manager tal-APS Bank, xehed li permezz ta’ kuntratt (Dok. A a fol. 7) il-Bank kien ta facilitajiet ta’ self lil Ambassador Clothing Ltd u kien hemm bhala garanti solidali Tonio Caruana (illum mejjet) Desiree, Ivan, Marion u George Caruana ghas-somma ta’ €86,187 (Dok. C a fol. 20 datat 21/04/2004). Hi prattika bankarja li s-sigurta’ mitluba fis-sanction letter tkun iffinalizzata qabel l-iffirmar tal-kuntratt finali kif gara f’dan il-kaz. L-ittra ufficjali tas-6 ta’ Marzu 2017 (Dok. F a fol. 31) harget kontra Tonio Caruana billi kien ghadu haj (ara Dok. MG1 a fol. 78). Ix-xhud ezebixxa Dok. MG2 a fol. 79 et seq. fejn hemm statement tal-kont relattiv mid-data meta infetah il-loan account sad-data tal-‘call in letter’ datata 15 ta’ Gunju 2012.

Ipprezenta Dok. MG3 a fol. 84 li hu prospett mahdum bis-simple interest mid-data tal-call in. Dok. MG4 a fol. 85 juri r-rata ta’ imghax li kien qed jigi mahdum fuq il-loan account. Dan hu rifless fil-prospett Dok. MG3. Dwar penali qal li dawn thallsu skont is-sanction letter Dok. MG 5 a fol. 86. Ir-rata hija ta’ 2% fuq il-pagamenti b’lura li jkollu l-klijent. L-ammont dovut huwa ta’ €211.68 bejn 23/04/2004 (ftuh tal-kont) u d-data tal-call in 15/06/2012 (Dok. MG6 a fol. 94). Ma kien hemm ebda charges ohra fuq il-kont. Il-Bank ipprova jigbor dawn il-flus izda s-socjeta debitrici baqghet inadempjenti. Minn meta saret dina l-kawza ma sar ebda pagament la mis-socjeta konvenuta u lanqas mill-garanti.

Ix-xhud kompla jixhed li fis-sanction letter l-konvenuti accettaw il-kondizzjonijiet li bihom huma kienu se jiehdu s-self, u li jinkludu charges, penali u rata tal-imghax. Huma qatt ma kkontestaw dawn il-kondizzjoniiet hlief meta infethet dina l-kawza. Fl-2013 l-account gie trasferit ghal recoveries unit. Il-bank applika r-rata ta’ 8% skont is-sanction letter. L-imghax jiddekorri fuq il-kapital u l-imghax ikun go kont separat li fuqu ma jiddekorriex imghax. Skont Dok. MG4 a fol. 85 bejn Dicembru 2007 u Gunju 2008 ir-rata tal-imghax kienet ta’ 8.5%. Skont is-sanction letter il-base rate kienet ta’ 3.5% zammew bhala imghax fiss ta’ 3% u punitive rate 2%.

Ezebixxa Dok. MC1 statement tal-overdraft account a fol. 124 bejn 14/11/2003 sa 25/11/2019. Il-call in saret kemm tal-loan kif ukoll tal-overdraft account fil-15 ta’ Gunju 2012. Imbaghad ma bdewx jigbdu flus mill-overdraft biex jithallsu.

Esebixxa wkoll kif imxiet il-base rate matul is-snin fil-kont (ara Dok. MC2 a fol. 133). Il-varjazzjoni tar-rati tal-imghax tidher fid-dokumenti a fol. 134.

**Konsiderazzjonijiet**

Is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jhallsu l-ammont ta’ €18,991.08 (€l5,394.36 Kapital u €3,596.72 imghax) dovut lis-socjeta rikorrenti a tenur ta' Loan Account u Loan Interest Disposal Account.

Il-konvenuti Ambassador Clothing Ltd, Ivan Caruana u George Caruana wiegbu li trid issir verifika l-konteggji u prova tal-ammonti avvanzati u tal-hlasijiet lura, tac-charges

bankarji, tar-rati differenti ta' imghax applikabbli fid-diversi perjodi u tar-regolarita tal-kapitalizzazzjoni tal-imghaxijiet.

F'dan ir-rigward Marvic Gauci xehed diversi drabi fejn spjega kemm hemm dovut bhala kapital u kemm bhala interssi. Hu ezebixxa statement tal-kont relativ, statement tal-overdraft account, prospett mahdum bis-simple interest, ir-rata tal-imghax kif giet imposta, il-base rate matul is-snin fil-kont u l-varjazzjonijiet fl-imghax. Ir-rata tal-imghax fuq il-loan account tidher Dok. MG4 a fol. 85 u hu rifless fil-prospett Dok. MG3 a fol. 84.

Kwantu ghad-differenza fl-imghax li tidher fl-ittra ufficjali fl-ammont ta' €2351.84 u fic-citazzjoni bhala €3596.72 gie spjegat li d-differenza hija li fir-rikors guramentat hemm il-kapital li baqa' l-istess u l-imghax li gie akkumulat sal-prezentata tar-rikors guramentat. Il-kapital baqa' €15,394 u ma hemmx imghax fuq dana l-imghax. Il-kapital jibqa' l-istess mentri l-imghax jibqa ghaddej u jkun f'kont separat. Ghalhekk ma inhadem ebda imghax fuq imghax minghajr il-kunsens tal-konvenuti.

Skont l-uzu tal-kummerc, l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta` kuljum, kull sitt xhur, u b`hekk l-imghaxijiet isiru jifformaw parti mill-kapital. Izda meta jsir il-call in, minn dak il-mument, legalment ma ghadux jezisti ftehim ta` kont kurrenti li gie mibdul ghall-ftehim semplici ta` mutwu u, ghalhekk, minn dak il-mument l-imghaxijiet komposti mhumiex aktar leciti. Dan isehh ghax ladarba li l-facilita tigi terminata, is-somma dovuta tigi determinata, u bhal obbligazzjoni li ghandha bhala oggett taghha il-hlas ta' somma determinata, ma jistax jintalab imghax fuq imghax (ara **Bank of Valletta Ltd vs Anna's Trading Co Ltd et**, App 06/12/2002; Avukat **Reno Borg noe et vs Joseph Borg et noe et**, PA 03/10/2002; **HSBC vs Tal-Barrani Co.Ltd**, App 28/01/2021).

B'referenza ghar-rata ta' imghax mitluba issir referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 16.06 – Regolamenti Dwar Ezenzjoni Mir-Rata ta' Mghax (Avviz Legali 142 tal-2009) senjatament ghar-regolament numru hamsa (5) li jipprovdi:

> Minkejja kull haga ohra li tinsab f'kull ligi ohra, istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-tifsira tar-regolament 2 (Regolament 2(b) applikabbli ghal dan il-kaz) jistghu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li ghandha

> tithallas fuq depoziti mizmumin minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mghax li dawn jistghu jitolbu li jithallsu fuq self, avvanzi u kull facilità ta' kreditu ohra kif ukoll fil-hrug ta' debentures jew ta' debenture stock jew strumenti ohra li joholqu jew jirrikonoxxu stat ta' debitu.

Marvic Gauci xehed li mid-data tal-call in, il-Bank hadem bis-simple interest (ara prospett MG3 a fol. 84). Huma applikaw rata ta' 8% skont is-sanction letter. L-imghax jiddekorri fuq il-kapital u l-imghax ikun go kont separat li fuqu ma jiddekorriex imghax.

Il-konvenuti wiegbu wkoll li jrid jigi vverifikat jekk il-bank charges li gew imposti matul ir-relazzjoni klijentari bejn il-bank u d-debitur principali kenux gustifikati, u jekk gewx applikati rati ta' imghaxijiet punittivi.

Dwar penali Marvic Gauci xehed li dawn thallsu skond is-sanction letter (Dok. a fol. 106). Ir-rata hija ta' 2% fuq il-pagamenti b'lura li jkollu l-kljent. L-ammont dovut huwa ta' €211.68 bejn 23/04/2004 (ftuh tal-kont) u d-data tal-call in 15/06/2012. Ma kien hemm ebda charges ohra fuq il-kont. Il-penali tigi mposta ghax ma jkunux qed isiru l-pagamenti fil-hin. L-istanding order li jkun hemm ma tkunx tista' tghaddi ghax ma jkunx hemm bizzejjed flus. Il-prassi tal-bank hi li jaghmel standing order fuq l-overdraft bi ftehim mal-klijent biex il-loan tithallas minn hemm. Ir-rati tal-imghax jitbiddlu ghax japplikaw ir-rata tal-penali ukoll. Giet ezibiti lista ta' kif inbidlu r-rati. L-imposizzjoni tad-diversi rati u tal-penali tohrog mis-sanction letter fil-parti dwar interest a fol. 106. Ir-rata ta' compound interest huma six fil-mija fix-xahar.

Fl-eccezzjonijiet ta' Alessia Caruana, Mirco Caruana u Desiree Darmanin, din tal-ahhar wiegbet li l-garanzija li nghatat hija invalida ghax iffirmata qabel l-obbligazzjoni princpali.

Marvic Gauci spjega li hi prattika bankarja li s-sigurta mitluba fis-sanction letter tkun iffinalizzata qabel l-iffirmar tal-kuntratt finali kif gara f'dan il-kaz. Kien hemm sanction letter qabel il-mument tal-loan, u l-konvenuti kienu qablu ma' din is-sanction letter u dina tittiehed qabel jinghata s-self u wara li l-klijenti qablu mal-kondizzjonijiet. Il-konvenuti kienu jafu x'qed jiffirmaw, ghalxiex kienu qed jintrabtu u jaghmlu garanti u qatt ma giet kkonestata jew hadu passi biex jinvalidawha.

Alessia Caruana u Mirco Caruana wiegbu wkoll li huma ma gewx interpellati biex jhallsu. Jirrizulta mill-atti li huma gew imharrka bhala eredi tad-defunt Tonio Caruana li kien gie notifikat bl-ittra ufficjali ta' Marzu 2017 biex ihallas (ara fol. 31).

Mill-qbija, l-kontestazzjonijiet l-ohra taghhom diga gew ikkunsidrati fl-ezami tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tiddeciedi li dwar l-ewwel talba din giet sorvolata billi l-kawza instemghet skont kif tipprovdi l-ligi u mhux bid-dispensa tas-smigh; tilqa' t-tieni u tielet talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejnithom ihallsu lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' €18,991.08 dovut lis-socjeta rikorrenti a tenur ta' Loan Account Number 2000099415-8 u Loan Interest Disposal Account 2000132501-1.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-1 ta' Jannar 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur